IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 26.6.2012
JOIN(2012) 19 final

# KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## L-iżvilupp ta' Politika tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Reġjun Artiku: il-progress mill-2008 u l-passi li jmiss

{SWD(2012) 182 final}
{SWD(2012) 183 final}

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**L-iżvilupp ta' Politika tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Reġjun Artiku: il-progress mill-2008 u l-passi li jmiss**

## Taqsira Eżekuttiva

Billi t-tibdil fil-klima u l-iżvilupp ekonomiku qed jikbru fir-reġjun Artiku, l-Unjoni Ewropea għandha ssaħħaħ l-involviment tagħha mal-imsieħba tagħha tal-Artiku biex flimkien jilqgħu l-isfida li jissalvagwardjaw l-ambjent filwaqt li jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun Artiku. Imkien it-tibdil fil-klima ma huwa aktar viżibbli milli fl-Artiku, li huwa komponent vitali u vulnerabbli tas-sistema ambjentali u klimatika tad-Dinja. Tidwib is-silġ tal-baħar Artiku qed joktor b'mod mgħaġġel, li jwassal għal tisħin globali li jiżdied b'mod awtonomu[1], u li jaffettwa l-ekosistemi kif ukoll l-għajxien tradizzjonali tal-popli indiġeni.

Din il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tistabbilixxi każ għal aktar involviment tal-UE fil-kwistjonijiet tal-Artiku. Hija tkompli b'applikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'isem l-UE għal status permanenti ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku koiffirmat mill-Viċi-President Ashton u mill-Kummissarju Damanaki, kif ukoll bi żjara mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Ashton fl-Artiku (Rovaniemi, Kiruna u Svalbard) f'Marzu 2012. Sa mill-2008, meta l-Kummissjoni adottat l-ewwel Komunikazzjoni tagħha dwar l-Artiku, l-UE stabbilixxiet lilha nnifisha bħala sostenitur ewlieni tar-reġjun Artiku. Hija qajmet kuxjenza dwar l-impatt fuq l-ambjent tal-Artiku u dwar il-potenzjal tal-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun Artiku għall-benefiċċju kemm tal-popolazzjoni lokali tal-Artiku kif ukoll tal-UE.

Tabilħaqq, il-ħeffa tat-tibdil fl-Artiku tipprovdi raġunijiet fundamentali b'saħħithom għall-impenn tal-UE dwar il-protezzjoni ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija titlob ukoll għal aktar investiment tal-UE fir-riċerka dwar it-tibdil fil-klima tal-Artiku, bħala bażi għal aktar azzjoni globali u reġjonali.

- Il-perjodu 2005-2010 kien l-aktar wieħed sħun li qatt ġie rreġistrat fl-Artiku.
- Huwa previst fi żmien 30, 40 sena li jmiss, li l-Oċean Artiku jġarrab sajf kważi mingħajr silġ.
- Ġie osservat bejn l-2003 u l-2008 li l-glaċieri tal-Artiku, il-kapep tas-silġ u l-Għata tas-Silġ tal-Grenlandja kkontribwew għal aktar minn 40% taż-żieda fil-livell globali tal-baħar.

(Sors: Il-Monitoraġġ tal-Artiku u l-Programm ta' Valutazzjoni, il-valutazzjoni tal-2011 dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-Borra, l-Ilma, u l-Permafrost fl-Artiku (SWIPA))

Il-bidla tal-pajsaġġ Artiku issa qed tinfetaħ għal korsiji ġodda tat-trasport u għall-isfruttament kemm tar-riżorsi naturali kif ukoll minerali. Filwaqt li din se tkun ta' benefiċċju għall-

[1] Tidwib is-silġ jippromwovi l-effetti drammatiċi tat-tibdil fil-klima fl-Artiku u b'mod partikolari iħaffef iż-żieda fit-temperatura globali permezz ta' albedo aktar baxx.

ekonomija reġjonali u globali, se jkollha ukoll riperkussjonijiet fuq l-ambjent fraġli tal-Artiku jekk ma tiġix ġestita bl-akbar reqqa. Teknoloġija ġdida u bażi estensiva tal-għarfien se jkunu meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-opportunitajiet ekonomiċi ma jseħħux għad-detriment tal-istandards ambjentali l-aktar għoljin u tal-preservazzjoni tal-ambjent Artiku uniku.

- Skont l-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti (2009), l-Artiku għandu 13% taż-żejt li għadu ma ġiex skopert u 30% tal-provvisti tal-gass li għadhom ma ġewx skoperti.

- Ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana li testendi mill-Ewropa lejn l-Asja tista' tqassar il-ħin li l-bastimenti tal-merkanzija jieħdu biex jivvjaġġaw bejn il-Paċifiku u l-Atlantiku b'madwar terz. Pereżempju, ir-rotta bejn Yokohama u Londra mill-kanal ta' Suez fiha 11,447 mili nawtiċi, u r-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana fiha madwar 7,474 mili nawtiċi.

- Tmienja u tmenin fil-mija tal-produzzjoni totali tal-UE tal-minerali tal-ħadid hija prodotta fir-reġjun ta' Barents.

- Hemm madwar 4 miljun persuna li jgħixu fl-Artiku. Il-popli indiġeni jammontaw għal madwar 10% tal-popolazzjoni totali tal-Artiku.

L-Artiku hija żona ta' importanza strateġika li dejjem qed tikber. Huwa eżempju ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' suċċess li jikkontribwixxi għall-paċi u għas-sigurtà fir-reġjun. Il-konklużjoni riċenti tat-Trattat bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Federazzjoni Russa dwar id-Delimitazzjoni Marittima u l-Kooperazzjoni fil-Baħar Barents u l-Oċean Artiku hija eżempju pożittiv ta' kooperazzjoni simili. L-Istati tal-Artiku jikkooperaw abbażi tal-ordni legali internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar. Il-Kunsill tal-Artiku qed juri ruħu bħala l-korp reġjonali ewlieni, li fih l-Istati kollha tal-Artiku, kif ukoll il-popli indiġeni, huma rrappreżentati.

L-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti x'tilgħab biex twieżen is-suċċess ta' din il-kooperazzjoni u tikkontribwixxi biex jintgħelbu l-isfidi li qed jiffaċċja r-reġjun. L-Unjoni Ewropea hija l-akbar proponent fid-dinja għal sforzi internazzjonali akbar sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, permezz tal-iżvilupp ta' sorsi alternattivi ta' enerġija, tal-effiċjenza tar-riżorsi u tar-riċerka dwar il-bidla klimatika. Fost il-membri tagħha għandha tliet (u bl-Islanda potenzjalment erbgħa) Stati tal-Kunsill tal-Artiku. L-Unjoni Ewropea hija wkoll destinazzjoni ewlenija għal riżorsi u prodotti mir-reġjun tal-Artiku. Għalhekk ħafna mill-politiki u mir-regolamenti tagħha għandhom implikazzjonijiet għall-partijiet interessati fl-Artiku. L-Unjoni Ewropea tixtieq tinvolvi ruħha aktar mal-imsieħba tal-Artiku sabiex iżżid l-għarfien dwar it-tħassib tagħhom u sabiex tindirizza sfidi komuni b'mod kollaborattiv.

**L-elementi tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-Artiku:**

– **Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima:** L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' Kjoto, hija inkorporat l-impenn tagħha tat-tnaqqis ta' 20% tal-gassijiet serra fil-liġi, u hija impenjata biex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha bi 80-95% fuq perjodu ta' żmien twil, sal-2050.

– **Ir-riċerka dwar l-ambjent tal-Artiku:** Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni pijuniera dwar l-impronta attwali u futura tal-UE fuq l-Artiku, li turi li l-UE għandha impatt sinifikanti fuq l-aspetti soċjoekonomiċi u ambjentali fir-reġjun Artiku.

– **L-investiment għal iżvilupp sostenibbli fit-Tramuntana:** L-UE qed tipprovdi aktar minn EUR 1,14 biljun għall-iżvilupp tal-potenzjal ekonomiku, soċjali u ambjentali tar-reġjuni Artiċi tal-UE u taż-żoni ġirien għall-2007-2013.

– **It-tnaqqis tal-inċertezzi futuri u monitoraġġ fuq it-tibdil fir-reġjun Artiku:** L-UE, permezz tas-Seba' Programm Kwadru (FP7), ikkontribwixxiet b'madwar EUR 200 miljun mill-fondi tal-UE għal attivitajiet internazzjonali ta' riċerka fl-Artiku.

– **It-trasport bil-baħar u s-sigurtà marittima:** Billi kważi 90% tal-kummerċ estern tal-UE jitwettaq fuq il-baħar, l-UE għandha esperjenza sinifikanti fit-trasport marittimu, fil-bini tal-bastimenti, fin-navigazzjoni satellitari, fit-tiftix u s-salvataġġ kif ukoll fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-portijiet.

Din il-Komunikazzjoni tirrevedi l-kontribut tal-UE għall-Artiku sa mill-2008, u tħejji t-triq għall-involviment futur ma' msieħba mill-Artiku. Din il-Komunikazzjoni Konġunta ġdida, filwaqt li tieħu approċċ komprensiv dwar il-kwistjonijiet tal-Artiku, tenfasizza, il-ħtieġa ta' approċċ koerenti fejn l-UE jkollha fil-mira lill-Artiku, it-tisħiħ tal-ħiliet tal-UE, il-promozzjoni tal-iżvilupp responsabbli filwaqt li jkun hemm impenn estensiv għal djalogu u għal kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha tal-Artiku.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli qed jipproponu li l-politika tal-UE għall-Artiku tkompli tiġi żviluppata. L-UE għandha:

– Tappoġġja r-riċerka u tinkanala **l-għarfien** sabiex tindirizza l-isfidi ambjentali u tat-tibdil fil-klima fl-Artiku;

– Taġixxi b'**responsabbiltà** billi tikkontribwixxi ħalli jkun żgurat li l-iżvilupp ekonomiku fl-Artiku jkun ibbażat fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-għarfien ambjentali;

– Tintensifika l-**involviment** kostruttiv u d-djalogu tagħha mal-Istati tal-Artiku, mal-popli indiġeni u ma' imsieħba oħra.

Fl-ewwel parti ta' din il-Komunikazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppproponew sett ta' elementi ta' bażi għall-involviment kostruttiv tal-UE fl-Artiku sabiex tissolva l-isfida tal-iżvilupp sostenibbli u sabiex tingħata spinta lill-ġestjoni effettiva tal-ekosistema.

It-tieni parti tal-Komunikazzjoni tirrispondi għat-talba tal-Kunsill biex ikun hemm segwitu ghall-konklużjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet tal-Artiku[2] u għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar politika sostenibbli tal-UE għat-Tramuntana Estrema[3]. Hija tenfasizza l-firxa li qed tiżdied tal-attivitajiet li l-UE qed twettaq fir-reġjun u tivvaluta l-kwistjonijiet delineati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq "L-UE u r-Reġjun Artiku", ippubblikata

[2] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet tal-Artiku, l-2985 Laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, fi Brussell, fit-8 ta' Diċembru 2009.

[3] P7_TA(2011)0024 tal-20 ta' Jannar 2011

f'Novembru 2008[4]. Aktar informazzjoni ddettaljata dwar il-progress magħmul fl-oqsma ta' politika msemmija f'din il-Komunikazzjoni hija inkluża fiż-żewġ dokumenti mehmuża:

1. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Inventarju tal-attivitajiet f'qafas għall-iżvilupp ta' Politika tal-Artiku tal-Unjoni Ewropea";

2. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "L-Ispażju u l-Artiku".

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli barra minn hekk se jinvolvu ruħhom fi djalogu wiesa' u fi proċess ta' konsultazzjoni mal-Istati tal-Artiku, mal-popli indiġeni u ma' partijiet interessati relevanti oħra. Dan se jgħin lill-UE sabiex tirfina aktar il-pożizzjoni politika tagħha u sabiex tiżgura li l-kontribuzzjoni futura tal-UE għall-Artiku ikollha l-appoġġ tal-partijiet interessati reġjonali u tappoġġja l-azzjonijiet komuni tal-Istati tal-Artiku.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli qed jistennew bil-ħerqa d-diskussjonijiet mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew dwar din il-Komunikazzjoni.

## Parti 1 Affront lill-isfida: it-Triq 'il Quddiem

Fl-2008, il-Kummissjoni stabilixxiet tliet għanijiet prinċipali ta' politika:

– il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-Artiku flimkien mal-popolazzjoni tiegħu

– il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi

– il-kooperazzjoni internazzjonali.

L-azzjoni tal-UE sa mill-2008 wasslet għal riżultati tanġibbli[5] fl-oqsma tal-ħarsien ambjentali, tar-riċerka, u tal-iżvilupp ekonomiku, u l-enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tal-ambjent Artiku tibqa' l-pilastru tal-politika tal-UE għall-Artiku. Madankollu, minħabba t-tibdil evidenti b'rata mgħaġġla fl-Artiku, issa wasal il-waqt li tiġi rfinuta l-pożizzjoni tal-politika tal-UE għar-reġjun, fejn irid jittieħed approċċ usa', u li għandu jintrabat mal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv filwaqt li jitkompla jingħata appoġġ lil kull sforz sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva tal-ambjent fraġli tal-Artiku. Barra minn hekk, il-kontribut tal-UE dwar kwistjonijiet tal-Artiku għandhom jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati tal-Artiku u jqisu l-bżonnijiet tal-komunitajiet indiġeni u lokali.

Dan id-dokument għalhekk fil-qosor jistabbilixxi t-triq 'il quddiem li tista' tiġi mqassra fi tliet kelmiet: **l-għarfien, ir-responsabbiltà u l-involviment**.

### 1. L-GĦARFIEN

Quddiem iż-żieda potenzjali fit-temperatura globali, huwa meħtieġ għarfien xjentifiku b'saħħtu dwar l-iskala u l-ħeffa tat-tibdil klimatiku fl-Artiku, u kif dan qed jaffettwa l-bqija tad-dinja. L-iżvilupp sostenibbli fl-Artiku se jiddependi ħafna fuq il-kejl kontinwu ta' kif iż-żieda fl-attività tal-bniedem qed taffettwa l-ambjent fraġli tar-reġjun. Għalhekk l-għarfien ser

[4] COM(2008) 763 tal-20 ta' Novembru 2008.

[5] Ħarsa ġenerali tal-attivitajiet prinċipali u tar-riżultati huma stipulati fit-tieni parti ta' din il-Komunikazzjoni kif ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Inventarju tal-Attivitajiet f'qafas għall-iżvilupp ta' Politika tal-Artiku tal-Unjoni Ewropea".

ikun fil-mira tal-azzjonijiet tal-UE: sabiex ikompli jiżdied il-fehim tagħna tal-Artiku billi ninvestu fir-riċerka dwar l-Artiku, niżviluppaw monitoraġġ fuq l-Artiku mill-ispazju, nappoġġjaw netwerks ta' informazzjoni u osservazzjoni, filwaqt li nibnu fuq il-kompetenzi u l-ħiliet tekniċi.

## 1.1 L-iżvilupp tal-kompetenzi ambjentali u d-djalogu u t-titjib fil-protezzjoni tal-ambjent Artiku

L-UE hija impenjata biex tipproteġi l-ambjent globali, u se tappoġġja kull sforz sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva tal-ambjent fraġli Artiku.

- L-UE se taħdem ma' oħrajn sabiex tiġġieled it-tibdil fil-klima globali, sabiex tissalvagwardjaw l-ambjent Artiku, u sabiex jitjieb l-għarfien xjentifiku ħalli jintlaħqu dawn l-isfidi.

- Pereżempju, f'April 2012 il-Kummissjoni Ewropea ssieħbet fil-Koalizzjoni favur il-Klima u l-Arja Nadifa biex jitnaqqsu s-sustanzi ta' ħajja qasira li jniġġsu l-klima. Din l-inizjattiva għandha tikkumplimenta l-isforzi meħtieġa tan-NU biex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra.

- L-UE hija impenjata li tistabbilixxi strument globali li jorbot legalment biex ikopri ċ-ċiklu tal-ħajja tal-użu tal-merkurju taħt l-awspiċi tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), li huwa ta' importanza partikolari għar-reġjun Artiku.

## 1.2 Jintaħqu l-isfidi ta' għada permezz tar-riċerka

Taħt l-inizjattiva prominenti Ewropa 2020 "Unjoni ta' Innovazzjoni"[6] u Orizzont 2020[7], il-programm ta' investiment propost għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020, il-Kummissjoni qed tiffoka mill-ġdid dwar il-politika tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-UE dwar l-isfidi li s-soċjetà tagħna qed tiffaċċja Dawn jinkludu t-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-iskarsezza tar-riżorsi, is-saħħa u l-bidla demografika, kif ukoll l-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Ir-riżultati li għandhom x'jaqsmu mal-Polika se jiġu mitluba sabiex it-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar ekonomija u politika jsiru b'informazzjoni. L-iffinanżjar propost għal Horizon 2020 (€80 biljun) jirrappreżenta żieda sinifikanti fuq il-programmi ta' riċerka preċedenti tal-UE, u se jippermetti lill-UE biex tagħti kontribut saħansitra aktar sinifikanti għar-riċerka fl-Artiku. Il-Kummissjoni għandha wkoll:

- tkompli l-komunikazzjoni ma' partijiet oħra tad-dinja, inklużi l-membri tal-Kunsill tal-Artiku, biex jinstabu soluzzjonijiet internazzjonali għall-isfidi tas-soċjetajiet li jittraxxendu l-Ewropa;

- iżżid il-kooperazzjoni mal-imsieħba tal-Artiku dwar l-istabbiliment ta' infrastrutturi ta' riċerka li jeħtieġu jkunu żviluppati fuq skala internazzjonali.

Għalhekk l-UE ser tfittex kooperazzjoni wiesgħa ma' stati li huma attivi fil-qasam tar-riċerka multidixxiplinari tal-Artiku u fl-istabbiliment ta' infrastrutturi tar-riċerka. L-allinjament ta'

---

6 COM(2010) 546 tas-6 ta' Ottubru 2010

7 COM (2011) 808 u l-proposti li jakkumpanjaw COM (2011) 809, COM (2011) 810, COM (2011) 811 u COM (2011) 812 tat-30 ta' Ottubru 2011

programmi tar-riċerka tal-Artiku se jkun ta' kontribut importanti għall-għarfien u ser iżid l-effiċjenza tal-programmi ta' riċerka filwaqt li jimmassimizza l-impatt tagħhom.

Se tingħata konsiderazzjoni xierqa lid-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-isfidi, bħall-bidla klimatika u ambjentali u l-impatt tagħha fuq il-popolazzjonijiet lokali u l-attività ekonomika.

## 1.3 L-użu tal-informazzjoni

It-twaħħid ta' sorsi eżistenti ta' informazzjoni huwa l-aħjar mod biex niżguraw li dawk li jfasslu l-politika jkunu infurmati tajjeb u li l-iżvilupp tal-Artiku jista' jipproċedi f'manjiera li hija responsabbli u ġġib magħha benefiċċji lill-Istati tal-Artiku u lill-komunitajiet lokali:

- Billi tkompli tibni fuq il-punt prinċipali tagħha "il-Valutazzjoni tal-Politika tal-impronta tal-UE fuq l-Artiku"[8], il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Istati tal-Artiku u partijiet oħra interessati biex tappoġġa t-tfassil tal-politika. Dan se jinkludi wkoll informazzjoni minn monitoraġġ operazzjonali u osservazzjoni, telerilevament, ir-riċerka kif ukoll monitoraġġ ibbażati fil-Komunità u l-għarfien tradizzjonali.

- Il-Kummissjoni se timplimenta azzjoni preparatorja, approvata mill-Awtorità Baġitarja b'baġit ta' EUR 1 miljun, għal valutazzjoni strateġika dwar l-impatt tal-iżvilupp fuq l-Artiku. Il-proġett se jagħti widen għas-suġġeriment tal-Komunikazzjoni tal-2008 biex jiġu esplorati l-possibiltajiet għall-ħolqien ta' Ċentru Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Artiku u, għal dan il-għan, se jittestja l-fattibbiltà ta' pjattaforma għall-informazzjoni dwar l-Artiku bbażata fuq netwerk ta' ċentri ewlenin għar-riċerka dwar l-Artiku u universitajiet fi ħdan u barra l-UE.

L-UE se taħdem mal-Istati tal-Artiku dwar it-titjib tal-monitoraġġ u l-kapaċitajiet ta' sorveljanza, inkluż l-użu ta' satelliti.

- Is-satelliti li jorbitaw id-dinja huma għodda essenzjali tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tal-osservazzjoni fl-Artiku. Il-programmi satellitari tal-UE diġà qed jipprovdu appoġġ konsiderevoli lil dawk li jgħixu u jaħdmu fir-reġjun. Dan se jiġi msaħħaħ bl-użu ppjanat ta' Galileo u s-satelliti Sentinella ġodda taħt il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES). Is-satelliti Sentinel se jippermettu l-monitoraġġ tal-ħxuna u tal-firxa tas-silġ tal-baħar. Barra minn hekk, jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ftehim reċenti bejn l-Istati Membri tal-Kunsill tal-Artiku dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ.

- L-UE qed tiżviluppa, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, pjattaforma biex tinqasam id-dejta dwar l-Istat tal-ibħra fl-Ewropa u madwarha, kif ukoll l-immappjar b'reżoluzzjoni għolja ta' qiegħ il-baħar, sal-2020. Il-mapep ta' qiegħ il-baħar jistgħu jipprovdu assistenza fl-istabbiliment ta' rotot sikuri tat-trasport fl-ilmijiet tal-Artiku.

- L-UE se tappoġġja l-inizjattiva ta' Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS), u timplimenta netwerk li jipprovdi aċċess online għad-dejta ambjentali, kif ukoll t-twaqqif reċenti tan-Netwerk Sostnut għall-Osservazzjoni tal-Artiku (SAON), maħsuba sabiex isaħħu l-impenn internazzjonali dwar l-osservazzjoni koordinata tal-pan-Artiku u s-sistemi għal qsim tad-dejta li jservu l-ħtiġijiet tas-soċjetajiet,

[8] http://arctic-footprint.eu

partikolarment dawk relatati mal-kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tas-saħħa, ekonomiċi u kulturali.

## 2. RESPONSABBILTÀ

L-UE għandha rabtiet qawwijin tal-Artiku: mhux biss mill-perspettiva storika, ekonomika u ġeografika, iżda wkoll bħala importatur tar-riżorsi naturali, għax hija turi tħassib aktar wiesa' u responsabbiltà lejn l-ambjent globali. L-Artiku joffri kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet li se jaffettwaw b'mod sinifikanti l-ħajja taċ-ċittadini Ewropej għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Ma' dawn l-isfidi u l-opportunitajiet jiġu responsabbiltajiet. L-UE temmen li għandha tikkontribwixxi b'mod responsabbli għall-Artiku, permezz tal-programmi tagħha ta' finanzjament kif ukoll billi tippromwovi l-ġestjoni sikura u sostenibbli kif ukoll bl-użu tar-riżorsi fir-reġjun.

### 2.1 Il-finanzjament tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli

Matul is-snin reċenti l-finanzjament reġjonali tal-UE u programmi oħra ta' kooperazzjoni u ftehimiet investew sostanzjalment fl-iżvilupp tar-reġjun tal-Artiku. L-ambitu ġeografiku ta' xi programmi ikopri mhux biss l-Istati Membri tal-UE, iżda jinkludi wkoll il-Groenlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa.

- Permezz tar-rinforz u t-twaħħid ta' diversi inizjattivi ta' ffinanzjar għad-dispożizzjoni tagħha (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni) l-UE jista'jkollha impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tal-Artiku għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni. Fl-ispirtu tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni se tkun lesta li tiddiskuti mal-Istati Membri relevanti dwar kif l-opportunitajiet ta' finanzjament taħt il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020 jistgħu jikkontribwixxu lejn dan il-għan. Importanti li jkun żgurat li l-programmi ffinanzjati mill-UE huma effettivi, aċċessibbli, u jilħqu l-bżonnijiet ta' żvilupp tal-popolazzjonijiet lokali.

- Bħala l-akbar kontributur għall-Fond ta' Sostenn għas-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (NDEP) l-UE hija impenjata li tipprovdi għotjiet għall-proġetti fir-reġjun ta' Barents fl-Artiku għal attivitajiet ta' tindif ambjentali u nukleari. Ix-xogħol qed jitkompla fuq il-proġett għas-Servizzi tal-Ilma u d-Drenaġġ Muniċipali ta' Archangelsk b'għotja ta' EUR 8,2 miljun. Il-proġett se jnaqqas ir-rimi dirett tad-drenaġġ u jtejjeb l-effiċjenza enerġetika.

- L-ambitu ġeografiku u l-prijoritajiet tal-azzjoni esterna futura, tal-programmi ta' kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali (eż. l-periferija tat-Tramuntana) jistgħu jiġu mwessa' sabiex jippermettu aktar kooperazzjoni ċirkumpolari u biex jiżguraw li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-iżvilupp fir-reġjun Artiku tkun massimizzata.

### 2.2 Il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli u l-użu tar-riżorsi

L-Istati tal-Artiku u l-UE għandhom interess komuni li jkun assigurat li r-riżorsi naturali tal-Artiku kemm ta' fuq l-art, fil-baħar, kif ukoll f'qiegħ il-baħar jew taħtu jkunu utilizzati f'manjiera sostenibbli li ma tikkompromettix l-ambjent Artiku u fejn il-komunitajiet lokali jibbenefikaw.

- Fid-dawl taż-żieda tal-ativitajiet tal-minjieri u tal-estrazzjoni taż-żejt fir-reġjun Artiku, l-UE se taħdem mal-imsieħba tal-Artiku u s-settur privat għall-iżvilupp ta' teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent, b'riskju baxx li jistgħu jintużaw minn industriji tal-estrazzjoni. Pereżempju, kumpaniji tal-minjieri fir-reġjun Nordiku kif ukoll universitajiet u riċerkaturi huma l-imsieħba kruċjali fi proġetti relatati tal-FP7 bħal ProMine[9] u I²Mine[10]. Proposta għal Regolament dwar dwar is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore[11] kienet ippreżentata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Ottubru 2011.

- Il-proposta tal-Kummissjoni għal sħubija msaħħa bejn l-UE u l-Groenlandja tipprovdi wkoll il-possibilità li jkun hemm kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-Groenlandja, filwaqt li jkunu żgurati l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija tagħha. Is-sħubija tippermetti wkoll għal djalogu msaħħaħ dwar ir-riżorsi naturali sabiex jixterdu l-għarfien u l-esperjenza. Fil-qafas tas-sħubija bejn l-UE u l-Groenlandja, ittra ta' intenzjoni fuq il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riżorsi minerali kienet iffirmata fit-13 ta Ġunju.

- It-tbaħħir fl-Arktiku għandu wkoll jiġi sostanzjalment żviluppat. Filwaqt li mhemm l-ebda prospett immedjat għal tbaħħir matul is-sena kollha fl-ilmijiet tal-Artiku, l-UE hija lesta biex tassisti fl-iżvilupp marittimu sostenibbli, pereżempju f'Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana. Is-sikurezza u l-impatti ambjentali huma t-tħassib ewlieni f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE qed isegwu mill-qrib l-iżviluppi fit-trasport bil-baħar fl-Artiku, inkluż it-traffiku u l-frekwenza ta' vapuri merkantili u ta' bastimenti tal-passiġġieri fuq kruċiera fir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana, fil-Passaġġ tal-Majjistral jew fl-ilmijiet Artiċi inġenerali, kif ukoll kull prattika jew ħtieġa tal-Istati tal-kosta li tħalli effett fuq in-navigazzjoni internazzjonali. L-UE, permezz tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, tappoġġja l-iżvilupp ta' "Kodiċi Polari" mandatorju mill-IMO. Is-sistema satellitari Galileo għan-navigazzjoni u l-lokalizzazzjoni globali, meta operazzjonali mill-2014, għandha flimkien ma' sistemi simili tappoġġja wkoll sikurezza akbar u kapaċità għat-Tiftix u s-Salvataġġ (SAR) fl-Artiku.

- Billi inċidenti tat-tbaħħir jistgħu jikkawżaw ħsara sinifikanti lill-ambjent, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, qiegħda għalhekk tappoġġja l-ħidma tal-Kunsill tal-Artiku fuq it-tħejjija għall-emerġenza, il-prevenzjoni u l-miżuri tar-rispons, kif ukoll qed issegwi r-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza marittima mill-Valutazzjoni tat-Trasport Artiku Marittimu tal-2009.

- Bħala konsumatur ewlieni, importatur u fornitur tat-teknoloġija għall-enerġija u l-materji primi, l-UE għandha interess fl-iżviluppi tal-politika tar-riżorsi fl-Istati tal-Artiku. L-UE se tfittex li tibni sħubijiet stabbli u fit-tul ma' fornituri bħall-Kanada, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa, l-Istati Uniti u msieħba oħra rilevanti. Bħala prijorità, fl-ambitu tal-pilastru estern tal-Istrateġiji dwar il-Materji Primi[12], l-UE ser issegwi b'mod attiv id-diplomazija fil-materja prima ma' Stati tal-Artiku rilevanti bil-ħsieb li jkun żgurat l-aċċess għall-materja prima, l-aktar permezz ta' sħubijiet strateġiċi u djalogi politiċi. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni sostenibbli tar-

---

9 http://promine.gtk.fi/
10 http://www.i2mine.eu/
11 COM(2011) 688 tas-27 ta' Ottubru 2011
12 COM(2011) 25 tat-2 ta' Frar 2011

riżorsi tista' tipprovdi kontribut sinifikanti għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta', pereżempju, ir-reġjun ta' Barents.

- Terz tal-ħut maqbud fl-Artiku huwa mibjugħ fis-suq Ewropew. L-istudji juru li din iċ-ċifra tista' tiżdied hekk kif l-istokkijiet tal-ħut jistgħu jiċċaqalqu lejn it-Tramuntana, bħala riżultat ta' ibħra li qed jisħnu. L-UE hija ħerqana li tiżgura kooperazzjoni tajba mal-Istati tal-Artiku fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. L-UE tappoġġja l-isfruttar tar-riżorsi tas-sajd fl-Artiku fuq livelli sostenibbli bbażat fuq pariri xjentifiċi sodi, filwaqt li jkunu rrispettati d-drittijiet tal-komunitajiet kostali lokali. B'dan, l-UE qed tkompli titkellem favur l-approċċ kawtelatorju fejn, qabel ma tiġi sfruttata kwalunkwe opportunità tas-sajd ġdida, qafas regolatorju għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut għandu jiġi stabbilit għal dawk il-partijiet tal-ibħra miftuħa tal-Artiku li għad mhumiex koperti mill-konservazzjoni internazzjonali u minn sistema ta' ġestjoni. Fil-fatt, il-ħtieġa ta' ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra miftuħa ġiet imqajma mill-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Konferenza tal-Ministri tas-Sajd fl-Atlantiku tat-Tramuntana. Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) jistgħu fil-prinċipju jestendu l-ambitu ġeografiku tagħhom għal dan il-għan.

- Dwar il-kwistjoni tal-foki, il-Kummissjoni se tirrapporta qabel l-aħħar tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament 1007/2009 fl-Istati Membri tal-UE, inkluż it-twettiq tal-eżenzjoni li tippermetti l-kummerċ tal-prodotti mill-foki minn kaċċa mwettqa mill-Inuit u minn komunitajiet indiġeni oħra, u li tikkontribwixxi għall-għajxien tagħhom. L-UE se tirrispetta r-riżultat tal-proċeduri li għadhom għaddejjin bħalissa dwar dan ir-Regolament fid-WTO u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

- L-UE se tesplora l-potenzjal ulterjuri tal-attivitajiet ekonomiċi innovattivi, bħall-żvilupp ulterjuri tat-turiżmu sostenibbli, inkluż l-ekoturiżmu u s-setturi tal-enerġija rinnovabbli. Fil-fatt it-turiżmu fl-Artiku, b'mod partikolari dak li jinvolvi l-bastimenti tal-kruċiera, qed jiżdied. Il-Kummissjoni tappoġġa u tipparteċipa fl-istudji u d-diskussjonijiet li qegħdin isiru fi ħdan l-IMO, il-Kunsill tal-Artiku u bnadi oħra fuq it-titjib fis-sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri fuq kruċiera fl-Artiku, speċjalment f'żoni b'kapaċità għat-tfittxija u s-salvataġġ limitata. Programmi reġjonali kif ukoll transkonfinali u transnazzjonali tal-UE li jkopru r-reġjuni tal-Artiku tal-UE jappoġġjaw diversi proġetti li qed jiżviluppaw approċċi ġodda għat-turiżmu fl-Artiku[13], bħalma hu l-proġett Gwida Turistika għall-Periferija tat-Tramuntana[14], li qed jiżviluppa servizzi innovattivi ta' informazzjoni għat-turisti.

### 3. L-INVOLVIMENT

L-UE għandha l-intenzjoni li tirfina l-politika tagħha tal-Artiku li għadha qed tiżviluppa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tagħha, il-ħames Stati tal-Artiku li mhumiex fl-UE kif ukoll l-abitanti lokali, inklużi l-popli indiġeni. L-Istati tal-Artiku għandhom rwol ewlieni fir-reġjun, kemm individwalment kif ukoll f'korpi reġjonali. L-UE tirrikonoxxi li qafas legali estensiv japplika għall-Oċean Artiku, inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet

---

[13] http://www.interregnord.com/en/projects/north/1-trade-and-industry-development.aspx
[14] http://www.northernperiphery.eu/en/projects/show/&tid=82

Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) u strumenti internazzjonali oħra rilevanti[15], u tqis lill-UNCLOS bħala bażi ewlenija fil-ġestjoni tal-Oċean Artiku. Hija tirrikonoxxi wkoll il-kooperazzjoni eċċezzjonali internazzjonali li diġà ġiet stabbilita bejn l-Istati tal-Artiku u fi ħdan fora reġjonali differenti tal-Artiku. L-interess ewlieni tal-Unjoni Ewropea huma ż-żamma tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-reġjun Artiku u s-sostenn għall-istabbiltà tar-reġjun.

L-UE tqis lill-Kunsill tal-Artiku bħala l-forum primarju għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-reġjun. Is-servizzi tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-aġenziji tal-UE pparteċipaw bħala osservaturi *ad hoc* fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Artiku u involvew ruħhom b'mod attiv fil-gruppi ta' ħidma tiegħu. Il-Kummissjoni applikat, f'isem l-UE, biex tkun osservatur permanenti fil-Kunsill tal-Artiku fl-1 ta' Diċembru 2008. Billi ġew adottati kriterji għall-ammissjoni ta' osservaturi f'Mejju 2011, informazzjoni aġġornata tressqet mill-Kummissjoni f'ittra ffirmata kemm mill-Viċi President Ashton kif ukoll mill-Kummissarju Damanaki lill-President tal-Kunsill tal-Artiku, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Svediż Carl Bildt f'Diċembru 2011. L-istatus ta' osservatur, kif definit mill-Kunsill tal-Artiku innifsu, jippermetti lill-UE biex tintensifika l-kooperazzjoni u tagħti kontribut pożittiv għall-ħidma tal-Kunsill. Jippermetti lill-Unjoni Ewropea biex tikseb għarfien dettaljat dwar it-tħassib tal-imsieħba tal-Artiku, li ser ikun importanti biex jiġu żviluppati l-politiki interni tagħha stess. L-istatus ta' osservatur se jikkumplimenta l-involviment tal-UE fl-Artiku permezz tal-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents u d-Dimensjoni tat-Tramuntana. L-involviment tal-UE se jinkludi dawn li ġejjin:

- L-UE se tfittex li żżid il-kooperazzjoni tagħha dwar kwistjonijiet tal-Artiku fid-djalogi bilaterali tagħha mal-imsieħba tal-Artiku kollha tagħha - il-Kanada, l-Islanda, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti.

- L-involviment tal-UE fil-kwistjonijiet tal-Artiku ser ikun imtejjeb iktar permezz tal-prospettiva ta' sħubija fl-UE tal-Islanda (l-Islanda applikat sabiex issir membru tal-UE f'Ġunju 2009) u tikkontribwixxi biex ikun indirizzat it-tħassib komuni. In-negozjati tal-adeżjoni li għadhom għaddejjin jipprovdu qafas addizzjonali sabiex jiġu diskussi ċerti politiki dwar l-Artiku.

- Fir-rigward tal-Groenlandja, ir-relazzjonijiet mal-UE huma definiti mid-Deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni Barranija u mis-sħubija komprensiva bejn l-UE u l-Groenlandja. Fis-7 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ressqet proposta leġiżlattiva biex iġġedded is-sħubija għall-perijodu 2014-2020[16]. Bħala parti minn sħubija futura, il-Kummissjoni pproponiet djalogu msaħħaħ dwar kwistjonijiet tal-Artiku li ma jippermettix biss lill-UE biex tikseb fehim addizzjonali dwar is-soċjetajiet remoti tal-Artiku, iżda tippermetti wkoll għall-kondiviżjoni ta' għarfien ta' valur dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

- Huwa ta' imporatnza kruċjali li l-fehmiet tal-abitanti tal-Artiku dwar kwistjonijiet ta' żvilupp ekonomiku jiġu kkunsidrati. L-UE se tfittex għal metodi xierqa biex tiżgura li r-rappreżentanti tal-popli indiġeni tal-Artiku ikunu infurmati u kkonsultati dwar il-politiki tal-UE li jaffettwawhom, u jingħataw pjattaformi xierqa sabiex jippreżentaw

---

[15] Id-deskrizzjonijiet estensivi tal-istrumenti relevanti qegħdin fir-rapporti maħruġa minn "Arctic TRANSFORM"< www.arctic-transform.eu> u "Valutazzjoni tal-Politika tal-impronta tal-UE fuq l-Artiku" < http://arctic-footprint.eu/sites/default/files/AFPA_Final_Report.pdf>

[16] COM (2011) 846, 7 ta' Diċembru 2011.

tħassib partikolari tagħhom lill-istituzzjonijiet u l-udjenzi tal-UE. B'dan il-għan, il-Kummissjoni u s-SEAE ser iżidu l-isforzi tagħhom biex iżommu djalogi regulari mal-popli indiġeni.

- L-UE se tkompli bl-involviment tagħha fi ħdan oqfsa internazzjonali rilevanti dwar kwistjonijiet tal-Artiku bħall-bijodiversità, il-ġestjoni bbażata fuq l-ekosistemi, il-materjal organiku persistenti li jniġġes, iż-żoni protetti tal-baħar, in-navigazzjoni internazzjonali, l-ambjent u l-istandards tas-sigurtà marittima. Dan għandu jkun ibbażat fuq liġi internazzjonali eżistenti, konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, u b'kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali, bħan-NU, il-Kunsill tal-Artiku u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). L-UE se tikkunsidra ukoll mezzi li bihom tista' ssostni l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet adottati mill-Kunsill tal-Artiku

- Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera mal-imsieħba internazzjonali dwar ir-rappurtar u l-valutazzjonijiet tal-qagħda tal-ambjent tal-baħar. Hija se tkompli wkoll tippromwovi l-użu tal-valutazzjonijiet strateġiċi fuq l-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali permezz tal-konformità mal-Konvenzjoni Espoo[17]. Per eżempju l-Kummissjoni kompliet id-djalogu tagħha dwar il-Konvenzjoni Espoo mal-Federazzjoni Russa li, f'Lulju 2011, nediet proċeduri interni biex tirratifika din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni ġiet intensifikata fuq il-monitoraġġ ambjentali skont is-Sħubija UE-Russja għall-Modernizzazzjoni.

- Fuq il-ġestjoni tal-ekosistema, l-UE se tkompli taħdem permezz tal-konvenzjonijiet ta' Oslo u ta' Pariġi dwar il-protezzjoni tal-ambjent marittimu tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) sabiex tistabbilixxi netwerk ta' zoni tal-baħar protetti fl-Artiku, u biex tevalwa l-adegwatezza tal-miżuri eżistenti meta jkunu ġestiti attivitajiet ta' estrazzjoni taż-żejt u tal-gass f'kundizzjonijiet klimatiċi estremi minħabba l-impatt ambjentali potenzjali tagħhom. Il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE jikkontribwixxu wkoll fil-ħidma ta' din il-kwistjoni permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent tal-Baħar Artiku li jaqa' taħt il-Protezzjoni tal-Kunsill tal-Artiku. Fl-istess ħin, l-UE tkompli tissuġġerixxi fi ħdan entitajiet kompetenti tan-NU li l-bijodiversità fiż-żoni lill hinn mill-poter ta' ġurisdizzjoni nazzjonali għandhom ikunu protetti, possibbilment taħt l-UNCLOS.

- L-UE se ssaħħaħ ukoll involviment tagħha mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-Artiku. Il-Kummissjoni intensifikat wkoll id-djalogu mal-partijiet interessati dwar il-politika ambjentali. Proġett biex jinħoloq djalogu ma' NGOs dwar kwistjonijiet ambjentali tal-Artiku tnieda f'Lulju 2011. Forum tal-NGOs kien imsejjaħ għall-ewwel darba f'Jannar 2012, bil-għan li jiltaqgħu darbtejn f'sena.

## Parti 2 Sommarju tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-Artiku sa mill-2008

Bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2009, din it-tieni parti tal-Komunikazzjoni Konġunta tenfasizza ż-żieda fil-firxa tal-attivitajiet li l-UE diġà qed twettaq fir-reġjun u tirrevedi l-kwistjonijiet deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-UE u r-Reġjun Artiku", ippubblikata f'Novembru 2008. L-UE għandha kontribut dejjem

[17] Il-Konvenzjoni ta' Espoo dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali hija Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ewropa għan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) iffirmata f'Espoo, il-Finlandja, fl-1991, li daħlet fis seħħ fl-1997.

jikber u importanti x'tagħti biex tindirizza l-isfida tal-ħarsien effettiv tal-ambjent filwaqt li jiġi żviluppat il-potenzjal ekonomiku tal-Artiku b'mod sostenibbli. Dan l-impenn huwa muri permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet fir-reġjun Artiku li jiffukaw fuq kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, l-immaniġġar sostenibbli u l-isfruttament tal-enerġija, il-materji primi u r-riżorsi tas-sajd kif ukoll l-attivitajiet ekonomiċi ġodda bħat-turiżmu u r-rotot ġodda għat-trasport marittimu. L-importanza tad-djalogu mal-Istati tal-Artiku u mal-popli indiġeni fir-reġjun huwa enfasizzat.

## 1. IL-PROTEZZJONI U L-PREŻERVAZZJONI TAL-ARTIKU FLIMKIEN MAL-POPOLAZZJONI TIEGĦU

***It-tibdil fil-klima u l-ambjent;***

Qed isir progress biex ikun żgurat it-tnaqqis globali neċessarju tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) mill-emittenti prinċipali kollha. L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq l-impenji tagħha ta' Kjoto dwar it-tibdil fil-klima, u inkorport fil-liġi l-impenn tagħha biex tnaqqas b'20% il-gassijiet serra. Il-Kummissjoni ppubblikat "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050"[18]. Azzjoni tal-UE fil-qasam tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ, b'mod partikolari hija element ieħor il-kontribuzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati għall-produzzjoni ta' enerġija nadifa. Meħuda flimkien, dawn se jkollhom impatt maġġuri fit-tnaqqis tal-impatt tat-tniġġis tal-Artiku minħabba t-tibdil fil-klima. L-UE għenet ukoll biex toħloq il-Pjattaforma ta' Durban għal Azzjoni Msaħħa f'Diċembru 2011[19], li ssejjaħ għal strument legali komprensiv ġdid li għandu jintlaħaq ftehim dwaru sal-2015. L-UE kompla jkollha ukoll rwol prominenti fl-isforzi internazzjonali sabiex jitnaqqas it-tniġġiż minn materjal organiku persistenti li jniġġes permezz kemm tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma kif ukoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Atmosferiku Transkonfinali fuq Firxa Twila tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa.

Ir-rapport dwar "Il-Valutazzjoni tal-UE dwar l-Impronta u l-Politika tal-Artiku"[20] kien ippubblikat f'Jannar 2011. Jipprovdi ħarsa ġenerali sal-2030 tal-impatt li l-UE jista'jkollha f'disa' oqsma li jinkludu il-bijodiversità, it-trasport, l-enerġija, is-sajd u t-tibdil fil-klima. Proġetti oħra ta' riċerka li qed jibbenefikaw mill-fondi tal-UE (eż. CLEAR u ArcRisk) qegħdin jimlew il-lakuni kritiċi tal-għarfien dwar l-impatt fuq is-saħħa tal-popolazzjonijiet tal-Artiku mit-tniġġis transkonfinali. L-UE xprunat ukoll l-użu tal-valutazzjoni tal-impatt permezz ta' konformità mal-Konvenzjoni Espoo dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali u l-protokoll tagħha dwar il-valutazzjoni strateġika ambjentali. Il-Kummissjoni kompliet id-djalogu tagħha dwar il-Konvenzjoni Espoo mal-Federazzjoni Russa li, f'Lulju 2011, nediet proċeduri interni biex tirratifika din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, bħala prijorità taħt is-Sħubija UE-Russja għall-Modernizzazzjoni, il-kooperazzjoni fuq il-monitoraġġ ambjentali ġiet intensifikata. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) qablet mal-imsieħba Russi tagħha fuq numru ta' inizjattivi dwar monitoraġġ ambjentali konġunt, b'mod partikolari fl-Artiku, inkluż il-ħolqien ta' sistema sabiex tinġabar u titqassam dejta dwar it-tniġġis mill-ilma u mill-arja, fuq distanza twila jiġi ttrasportat tal-materjal li jniġġes u titjieb il-ġestjoni tal-iskart u l-kimiki perikolużi.

---

18 COM (2011) 112, it-8 ta' Marzu 2011

19 Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 17 f'Durban)

20 http://arctic-footprint.eu

Ftehim dwar il-prevenzjoni u r-reazzjoni għal emerġenza fir-reġjun ta' Barents, innegozjat fil-qafas tal-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents (BEAC), kien iffirmat fl-2008 mill-Istati relevanti u rratifikat mill-partijiet.

***Sostenn lill-popli indiġeni u l-popolazzjonijiet lokali***

L-UE hija involuta b'mod attiv fil-ħidma għall-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni. L-UE tfittex li tintegra d-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet indiġeni fl-aspetti kollha tal-politiki interni u esterni tagħha, anki fid-djalogi politiċi ma' pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali. L-UE tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu fuq kwistjonijiet indiġeni, b'mod partikolari permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR).

Il-Kummissjoni daħlet fi djalogu regolari mal-komunitajiet indiġeni tal-Artiku. Fid-9 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni laqqgħet workshop dwar "Djalogu Artiku"[21]. L-inizjattiva kienet milqugħa tajjeb mill-parteċipanti li enfasizzaw l-importanza tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-popli indiġeni fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni reġgħet ltaqgħet mar-rappreżentanti tal-popli indiġeni tal-Artiku fi Tromsø, in-Norveġja, f'Jannar 2011. L-EEA stiednet ukoll gruppi ta' popli indiġeni tal-Artiku għal workshop f'Ġunju 2011 sabiex jiddiskutu l-użu ta' tagħrif sekulari, lokali u tradizzjonali fil-monitoraġġ tal-ambjent Artiku u jivvalutaw it-tendenzi u t-tibdil li jaffettwa l-popolazzjoni tal-Artiku.

L-UE tipprovdi ammont sinifikanti ta' fondi permezz ta' inizjattivi varji lil gruppi indiġeni u lil popolazzjonijiet lokali. Il-programmi ta' finanzjament matul il-perjodu ta' kofinanzjament jammontaw għal EUR 1,14 biljun bejn l-2007 u l-2013, jew EUR 1,98 biljun inkluż il-kofinanzjament tal-Istati Membri tal-UE:

- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) tal-2007-2013 warrab EUR 4,3 miljun għas-subprogramm transkonfinali Sápmi biex tkun megħjuna l-popolazzjoni Sami b'mod sostenibbli meta tiżviluppa l-ħajja kulturali u l-industrija tagħha[22]. Barra minn hekk, Interreg IVA North[23], il-programm li minnu Sápmi hija parti, b'finanzjament tal-UE ta' EUR 34 miljun (total EUR 57 miljun) għandu l-għan li jsaħħaħ l-attrazzjoni u l-kompetittività tar-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja, l-Isvezja u n-Norveġja.

- Objettivi simili jirregolaw il-programm għall-Botnija u l-Atlantika[24] sabiex ikunu koperti r-reġjuni tat-tramuntana tal-Finlandja, l-Iżvezja u n-Norveġja (finanzjament tal-UE ta' EUR 34,4 miljun minn total ta' EUR 60,9 miljun) u l-programm INTERREG IVA għall-Isvezja u n-Norveġja[25] (finanzjament tal-UE ta' EUR 37 miljun minn total ta' EUR 68 miljun).

- Il-Programm tal-Periferija tat-Tarmuntana[26] li jinvolvi lill-Irlanda, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit kif ukoll il-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-

---

21 https://webgate.ec.europa.eu/maritimeforum/content/1831
22 It-total tal-finanzjament EUR 6,7 miljun. http://www.interregnord.com/en/projects/sapmi/4-sapmi-borderless-development.aspx
23 http://www.interregnord.com/en/projects.aspx
24 http://www.botnia-atlantica.eu
25 http://www.interreg-sverige-norge.com/
26 http://www.northernperiphery.eu/en/projects/main/

Norveġja (bil-possibilità tal-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa u l-Kanada), għandu baġit ta' EUR 59 miljun, li minnhom il-finanzjament tal-UE jammonta għal EUR 35 miljun. Il-Programm jimmira li jgħin komunitajiet remoti fl-Ewropa tat-Tramuntana jiżviluppaw il-potenzjal ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħhom;

- Il-Programm transnazzjonali għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku[27] (li għalih il-finanzjament tal-UE jammonta għal EUR 217 miljun minn EUR 278 miljun), jiffinanzja "l-Kuritur Loġistiku Ambjentali" tal-Botnija biex jgħaqqad it-Tramuntana tal-Iskandinavja u lil Barents ma' swieq aħħarin fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u l-Ewropa ċentrali.

- Fil-perjodu 2007-2013 il-FEŻR investa EUR 243 miljun fil-programm tat-Tramuntana tal-Isvezja u EUR 177 miljun fil-programm ta' Nofs it-Tramuntana tal-Isvezja biex tiżdied il-kompetittività tar-reġjuni[28]. Il-kwistjonijiet Sami huma integrati f'oqsma prijoritarji differenti;

- Il-programm FEŻR għat-Tramuntana tal-Finlandja[29] qed jopera b'baġit globali ta' EUR 1.1 biljun, li minnhom EUR 311,3 miljun jiġu mill-baġit tal-UE. Il-prijoritajiet tal-programm jinkludu miżuri maħsuba speċifikament għas-Sami, li jappoġġjaw l-intraprenditorija u n-negozju bbażati fuq il-kultura Sami;

- Il-programm Kolarctic[30] huwa wieħed minn 13-il programm ta' kooperazzjoni transkonfinali li bħalissa huma kofinanzjati mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-FEŻR. Il-baġit tal-programm għall-2007-2013 jammonta għal EUR 70,48 miljun, li minnhom EUR 28,24 miljun huma finanzjament mill-UE. Ir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja, l-Isvezja, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russja jipparteċipaw fil-programm.

- Fil-parti tar-reġjun sub-Artiku tar-reġjun Barents, programm ieħor ta' kooperazzjoni transkonfinali – il-programm Karelia[31] - qed jopera b'baġit globali ta' EUR 46,5 miljun, li minnhom EUR 23,2 jiġu mill-baġit tal-UE u li l-parti li tifdal tikkonsisti minn kontribuzzjonijiet ta' Stati Membri u tal-Federazzjoni Russa;

Is-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana fis-Saħħa Pubblika u l-Benesseri Soċjali (NDPHS) żviluppat pjan ta' ħidma li jtejjeb is-saħħa mentali, jipprevjeni d-dipendenza, u jippromwovu l-iżvilupp fit-tfal kif ukoll is-saħħa tal-komunità fost il-popli indiġeni. Il-pjan ta' ħidma għandu jiġi implimentat sal-2013.

Dwar il-kwistjoni tal-foki, kien hemm konsultazzjoni pubblika[32] wiesgħa, anki mal-popli indiġeni, qabel l-adozzjoni tar-Regolament tal-UE 1007/2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki. Il-leġiżlazzjoni ġiet kkontestata mill-komunità Inuit. Applikazzjoni kienet irrifjutata f'Settembru 2011 mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE minħabba raġunijiet ta' inammissibbiltà[33]; it-

---

27 http://eu.baltic.net/Project_Database.5308.html?&&contentid=70&contentaction=single
28 http://www.tillvaxtverket.se/huvudmeny/euprogram/programomraden/ovrenorrland u http://www.tillvaxtverket.se/huvudmeny/euprogram/programomraden/mellerstanorrland
29 http://ec.europa.eu/regional_policy/atlas2007/finland/fi1a_en.htm?4
30 http://www.kolarcticenpi.info/ourprojects
31 http://www.kareliaenpi.eu/en
32 http://ec.europa.eu/environment/biodiversity/animal_welfare/seals/seal_hunting.htm
33 Ordni tal-Qorti Ġenerali, fis-6 ta' Settembru 2011, il-Kawża T-18/10.

tieni kawża għadha pendenti. Panel tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġie wkoll imwaqqaf biex jirrevedi l-projbizzjoni, fuq talba tal-Kanada u n-Norveġja.

*Riċerka, monitoraġġ u valutazzjonijiet*

Kollettivament, l-UE u l-Istati Membri tagħha taw kontribut ewlieni għar-riċerka fl-Artiku matul dawn l-aħħar 10 snin. Madwar EUR 200 miljun mill-fondi tal-UE ġew allokati għar-riċerka fl-Artiku. L-UE tippromwovi r-riċerka ffukata fuq l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil ambjentali globali maħsuba sabiex tkabbar l-għarfien tar-relazzjoni ta' bejniethom mal-proċessi naturali li jaffettwaw lill-Artiku, b'enfasi partikolari fuq it-tibdil fil-klima u aktar u aktar fuq l-impatt tiegħu fuq popolazzjonijiet lokali u l-attività ekonomika.

It-tnax-il proġett li ġew imnedija sa mill-2008 taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka tal-UE (FP7), qed jgħinu biex jimtlew il-lakuni fl-oqsma t'hawn fuq u biex itejbu l-monitoraġġ fit-tul u d-dejta disponibbli dwar proċessi fl-Artiku kemm naturali kif ukoll magħmula mill-bniedem. Tmien proġetti oħra jappoġġjaw il-ħolqien ta' networks ġodda ewlenin tar-riċerka kif ukoll infrastrutturi fl-Ewropa, filwaqt li jsaħħu dawk eżistenti. Il-programmi ta' riċerka tal-UE għandhom relazzjonijiet mill-qrib mal-Istati kollha tal-Artiku. Il-Gżejjer Faroe, in-Norveġja u l-Islanda huma l-pajjiżi formalment assoċjat mal-FP7 u bħala tali igawdu drittijiet ekwivalenti għal tal-Istati Membri tal-UE taħt dan l-istrument. Barra minn hekk, l-UE għandha ftehimiet ta' kooperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija, mal-Kanada, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti li jinvolvu programmi ta' riċerka fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa, is-sajd, it-trasport, l-enerġija u l-ispazju. Sħab fir-riċerka minn dawn il-pajjiżi jipparteċipaw regolarment f'azzjonijiet tal-FP7.

L-UE u l-proġetti appoġġjati permezz tal-FP7 jikkontribwixxi attivament fl-isforzi internazzjonali biex jippromwovu r-riċerka polari u jallinjaw aġendi tar-riċerka internazzjonali. Eżempji ta' dan jinkludu s-Sena Polari Internazzjonali 2007-2009.

F'termini ta' titjib tal-kapaċitjiet ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza, l-UE tappoġġja l-inizjattiva tas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS), li timmira li timmodernizza s-sistemi attwali ta' rappurtaġġ u timplimenta network li jipprovdi aċċess online tad-dejta. Il-kwalità u l-puntwalità tal-informazzjoni ambjentali tal-Artiku għandhom għalhekk itejbu u eventwalment iwasslu għat-teħid aħjar tad-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-għarfien. Barra minn hekk, l-UE tappoġġja programmi u inizjattivi oħra li għandhom rilevanza għar-reġjun tal-Artiku, bħall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-Grupp dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja (GEO) u s-Sistema ta' Sistemi għall-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (GEOSS). L-EEA kienet attiva fil-ħolqien tan-Netwerk Sostnut għall-Osservazzjoni tal-Artiku (SAON).

## 2. IL-PROMOZZJONI TAL-UŻU SOSTENIBBLI TAR-RIŻORSI NATURALI

*Idrokarburi u materja prima*

Minħabba li l-aċċess għall-materja prima jibqa' element importanti fir-rieda tal-UE li tersaq lejn ekonomija b'teknoloġija għolja u b'valur miżjud għoli, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar komoditajiet u Materja Prima li ssaħħaħ l-approċċ bbażat fuq it-tielet pilastru biex tinkiseb provvista sostenibbli ta' materja prima: il-provvista minn swieq globali (il-pilastru estern), il-provvista sostenibbli minn sorsi fl-UE u r-riċiklaġġ u l-effiċjenza tar-riżorsi.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll il-Komunikazzjoni bit-titlu ta' "Politika dwar l-Enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna"[34], li twaqqaf strateġija komprensiva għar-relazzjonijiet esterni tal-UE fl-enerġija billi ittejjeb it-trasparenza tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi dwar l-enerġija, issaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u tiżviluppa sħubija fl-enerġija ma' pajjiżi ewlenin.

***It-trasport***

L-objettiv ewlieni tal-politika tal-UE jibqa' l-konformità sħiħa mal-liġi u l-prinċipji internazzjonali kif definiti fl-UNCLOS, inklużi l-prinċipji tan-navigazzjoni libera u d-dritt ta' passaġġ innoċenti[35]. Studju dwar "L-Aspetti Legali tat-tbaħħir fl-Arktiku" kien tlesta f'April 2010[36].

Qed isiru sforzi sabiex ikunu stabbiliti konnessjonijiet trans-Ewropej multimodali permezz tal-iżvilupp ta' Netwerks Trans-Ewropej, li jkopru wkoll it-Tramuntana Estrema tal-Ewropa. Dawn huma ta' benefiċċju dirett għall-Artiku. Barra minn hekk, il-Memorandum ta' Ftehim dwar is-Sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika (NDPTL) issa qed jidħol fil-fażi operattiva tiegħu, bl-identifikazzjoni (fil-futur irid jiġi approvat mill-imsieħba) ta' netwerk ta' infrastruttura u l-prijoritajiet potenzjali fuq proġetti relatati mat-trasport.

## 3. KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Il-Politika li qed tevolvi tal-UE fuq l-Artiku timmira biex tistabbilixxi approċċ koerenti u komprensiv dwar kwistjonijiet fejn ir-reġjun Artiku għandu impatt fuq l-UE u viċeversa. Din hija bbażata fuq il-liġi internazzjonali eżistenti (b'mod partikolari l-UNCLOS) u fuq il-kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Artiku u l-IMO, kif ukoll mal-Istati tal-Artiku, territorji awtonomi, popli indiġeni, popolazzjonijiet lokali u partijiet oħra interessati.

Sa mill-2008, l-UE żiedet sostanzjalment l-involviment tagħha għall-kooperazzjoni tal-Artiku b'mod partikolari bl-impenn tagħha mal-Kunsill tal-Artiku u mal-membri tal-Kunsill tal-Artiku. Il-Kunsill tal-Artiku jibqa' l-aktar forum importanti għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-reġjun, u l-ftehim reċenti tiegħu dwar il-Koperazzjoni fit-tiftix u s-salvataġġ ajrunawtiku u marittimu fl-Artiku hu indikatur importanti fl-iżvilupp tiegħu.

Il-kooperazzjoni reġjonali sseħħ ukoll permezz tal-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents, li tiegħu l-Kummissjoni hija membru, u tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (ND), li hija politika komuni tal-UE, l-Islanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa. Fil-laqgħa Ministerjali tal-ND tal-2010 nħarġu istruzzjonijiet lill-Grupp ta' Tmexxija tal-ND "biex jikkunsidra modi sabiex jiżviluppa t-Tieqa Artika tal-ND mingħajr ma jirdoppja x-xogħol fi ħdan il-mandati tal-Kunsill tal-Artiku jew il-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents". Il-Ministri nnutaw li hemm bżonn li tittieħed kunsiderazzjoni ta' kif il-popli indiġeni jistgħu jiġu inklużi fid-deliberazzjonijiet. Il-Grupp ta' Tmexxija stieden lir-rappreżentanti tal-popli indiġeni biex jipparteċipaw fil-laqgħat, u talab lis-sħubijiet u l-inizjattivi tal-ND biex jikkunsidraw aktar azzjonijiet dwar l-Artiku.

---

34 COM(2011) 539 tas-7 ta' Settembru 2011
35 Il-passaġġ ta' transitu qed ikun imsemmi wkoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill
36 https://webgate.ec.europa.eu/maritimeforum/content/2396

Mal-Istati tal-Artiku sseħħ ukoll kooperazzjoni bilaterali. Il-kooperazzjoni fl-Artiku hija regolarment inkluża fl-aġenda ta' laqgħat bilaterali mal-Istati tal-Artiku, inklużi l-Kanada, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti - msieħba strateġiċi tal-UE. Iż-żjajjar tar-Rappreżentant Għoli / tal-Viċi President Ashton u tal-Kummissarju Damanaki fiż-żoni tal-Artiku fil-Finlandja, l-Isvezja, in-Norveġja, inkluż Svalbard, u l-Groenlandja enfasizzaw l-importanza tar-reġjun u pprovdew opportunità għal valutazzjoni diretta tal-bidliet kif ukoll il-possibbiltà li jiġu diskussi l-isfidi mal-popolazzjonijiet lokali, mas-Saami u mar-rappreżentanti tal-Inuit u l-esperti tal-Artiku.

Barra minn hekk, id-Delegazzjonijiet tal-UE fl-Stati tal-Artiku għandhom rwol sinifikanti li jikkomunikaw il-politika relevanti tal-UE lill-gvernijiet u lill-pubbliku, kif ukoll jinfurmaw lill-UE fuq l-attivitajiet nazzjonali fl-Artiku ta' relevanza għall-Istati tal-Artiku.

Fir-rigward tal-Groenlandja, is-sħubija attwali tippermetti għal djalogu dwar politika fuq oqsma ta' interessi reċiproċi, lil hinn mill-għajnuna finanzjarja fil-mira, bħar-riċerka, il-materja prima u l-enerġija. Matul il-perjodu 2007-2013, il-Groenlandja ser tirċievi appoġġ finanzjarju tal-UE li jammonta għal EUR 25 miljun fis-sena, bil-prezzijiet tal-2006. Is-settur fil-mira għall-kooperazzjoni finanzjarja fil-perjodu 2007-2013 hija l-edukazzjoni, u kemm il-Groenlandja u d-Danimarka wrew interess li jkomplu jiffukaw fuq dan is-settur għall-futur fil-perijodu finanzjarju (2014-2020). Is-Sħubija bejn l-UE u l-Groenlandja hija kumplimentari għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u l-Groenlandja (FPA), u tiddefinixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-iżvilupp lil hinn mill-qasam tas-sajd. Minħabba li l-Protokoll attwali tal-FPA se jiskadi fl-aħħar tal-2012, protokoll ġdid għal tliet snin inbeda fi Frar 2012. Skont it-termini tal-Protokoll il-ġdid, l-UE kull sena se tagħti kontribuzzjoni finanzjarja li se tinkludi appoġġ settorjali, lill-Groenlandja, sal-ammont massimu ta' EUR 17,8 miljun. Fl-2010, l-EEA u l-Groenlandja ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp sostenibbli u sabiex jipproteġu u jtejbu l-ambjent billi jgħaddu informazzjoni mmirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika fil-Groenlandja u l-Ewropa. F'Jannar 2012, l-EEA u l-Ministeru tas-Saħħa tal-Groenlandja ffirmaw ftehim ta' koperazzjoni li jkopri kwistjonijiet ambjentali u ta' saħħa.